**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 657/2022**

**REPUBBLIKA**

**VS.**

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali mressaq fit-28 ta' Settembru, 2022, li permezz tiegħu talbet lill-qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2022, fejn kienet ġiet milqugħa talba ta' Repubbblika sabiex għada titħarrek l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ bħala xhud;

2. Iż-żewġ raġunijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali għaliex dan id-digriet għandu jinbidel huma: (i) li l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ ma tistax tattendi għas-seduta ta' għada minħabba li tinsab imsiefra; u (ii) li qabel tixhed l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ ikun aħjar li l-ewwel tingħata sentenza separata dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

3. Fuq l-ewwel raġuni, din il-qorti tiskuża lill-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ u teħlisha mid-dmir illi tattendi għas-seduta ta' għada ladarba hija tinsab imsiefra;

4. Dwar it-tieni raġuni, il-qorti tqis li kif tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Avukat Tonio Azzopardi v. Avukat Ġenerali*** mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2019, «*li kawża tinqata' b'sentenza waħda hija r-regola mhux l-eċċezzjoni.*»;

5. Fil-każ tal-lum, din il-qorti ma tħossx li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali biex toftoq is-smigħ tal-kawża b'sentenzi separati. Anzi huwa aħjar u aktar xieraq, anke minħabba n-natura serja ta' din il-kawża, li proċedura bħal din tinqata' b'sentenza waħda, wara li tisma' l-provi kollha tal-partijiet. Wara kollox, l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ xorta trid tixhed biex issaħħaħ l-ewwel eċċezzjoni preliminari li hija għadha ma ħaditx deċiżjoni. Għalhekk la xorta trid tixhed dwar l-eċċezzjoni preliminari jkun aħjar li hija taqbad u tixhed fuq it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha, ħalli b'hekk dawn il-proċeduri jkunu jistgħu jitmexxew b'aktar ħeffa;

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Settembru, 2022 billi: (i) teżenta lill-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ milli tattendi għas-seduta ta' għada ladarba hija inzertat li ħa tkun imsiefra, għalkemm tistenna li hija tattendi għas-seduta ta' wara t'għada bla ħtieġa ta' taħrika ġdida; u (ii) tiċħad it-talba tagħha safejn talbet li din il-kawża tinqata' b'sentenzi separati għaliex il-qorti tqis li jkun aħjar li tingħata sentenza waħda wara li jinstemgħu l-provi kollha.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2022.**

---

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**